**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Lulju, 2017

Rikors Guramentat numru : 13/17 AL

A W B

vs

C D V L
(Nru. tal-Karta tar-Residenza Kroata …..), u
N D V u b'digriet tad-
29 ta' Mejju 2017 l-Avukat Dr Benjamin Valenzia u
il-PL Gerald Bonello gew nominati bhala kuraturi deputati
sabiex jirrapprezentaw lill-minuri R V L u
id-Direttur Registru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu jippremetta :

1. Illi r-rikorrenti A W. B u l-konvenuta N De V kellhom relazzjoni intima waqt li l-istess konvenuta kienet mizzewga ma l-konvenut C D V L. N De V kienet qalet lir-rikorrenti li hi kienet iddivorzjata. Kien biss wara li harget

tqila li stqarret li kienet ghada mizzewga lill-konvenut C D V L;

2. Illi minn l-imsemmija relazzjoni li kellu ir-rikorrenti mal-konvenuta N De V twieledet R V L fil-31 ta' Awwissu 2015;

3. Illi meta twieldet l-imsemmija minorenni gewwa l-isptar St James gie ddikjarat mill-omm li l-missier huwa l-esponenti, hekk kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

4. Illi waqt it-tqala tal-minorreni l-esponenti kien ghamel komunkazzjoni mas-sur Mario Ellul, principal tad-dipartiment tal-passaporti u registrazzjoni civili, sabiex R tigi registratta fuq il-missier bijologiku, hawn esponenti, hekk kif jirrizulta mill-emails hawn annessi u mmarkati bhala Dok B;

5. Illi s-sur Mario Ellul kien idderigga lill-esponenti jaghmel komunikazzjoni mad-Deputat Registratur Janet Calleja sabiex issir seduta quddiem l-Onorabbli Imhallef Emeritus Joseph Galea Debono. Fil-kors ta' din il-kommunikazzjoni l-konvenuti t-tnejn ikkonfermaw permezz ta' email li l-missier bijologiku tal-minorenni huwa fil-fatt l-esponenti (vide Dok C);

6. Illi sabiex jigi kkonfermat dan l-istat ta' fatt il-partijiet kollha qablu li jaghmlu test tad-DNA fejn ittiehdu kampjuni tal-esponenti, ta' l-konvenuti, u tal-minuri R. F'din il-procedura l-omm kienet irregistrat lill-binta bl-isem R Mitra B, hekk kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok D. Ir-rizultat tat-*test* datat 7 ta' Ottubru 2015 jikkonferma li l-missier bijologiku tal-minorreni huwa fil-fatt l-esponenti u mhux ir-ragel ta' l-omm C D V L (vide Dok D);

7. Illi minkejja dawn il-fatti kollha fl-14 ta' Ottubru 2015 l-konvenuta N D V rregistrat l-minorenni fuq zewgha C D V L, hekk kif jirrizulta mic-certifikat hawn annaess u

mmarkat bhala Dok E. Dan carament sar sabiex l-konvenuta N D V ikollha kontroll fuq r-ragel taghha u sabiex tkun tista taghmel passport Kroat lill-minorreni u titlaq minn Malta minghajr il-permess jew kunsens tal-esponenti;

8. Illi l-esponenti gie awtorizzat jipprocedi b'din il-kawza permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 19 ta' Jannar 2017, digriet numru 521/16, li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok F;

Talab ghar-ragunijiet kollha premessi li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u Tiddikjara illi l-minuri R V L hija il-wild naturali tal-esponenti;

2. Tordna ghalhekk lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jhejji l-korrezzjoni fl-att ta' twelid bin-numru li jmiss tal-iskrizzjoni 5143 tal-minuri R V L, billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha tal-konvenut C D V L, kif ukoll tordna li jigi registrat l-esponenti A B in vista tal-ewwel talba u jekk mehtieg f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

3. Tordna illi kunjom l-minuri jinbidel u jigi bhal dak ta' missiera "B";

4. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku johrog att ta' twelid iehor hekk kif korrett;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom illi minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-**Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta għadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi huwa indispensabbli għall-integrita' tal-ġudizzju li ġialadarba l-minorenni R V L hija parti mill-kawża istanti, din l-istess minorenni għandha tkun rappreżentata *ad litem* minn kuratur jew tutur mill-Qorti sabiex l-interessi tal-minorenni jiġu salvagwardjati skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 781, 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi preliminarjament, l-esponent jirrileva li fuq il-mertu, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi stante li l-attur ma speċifikax abbażi ta' liema artikolu tal-liġi huwa qed jintavola dan ir-rikors ġuramentat, l-esponent qed jassumi illi l-kawża istanti qed issir ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-Artikolu jispeċifika illi primarjament, sabiex l-attur jiġi ddikjarat bħala l-missier naturali tal-wild, huwa jrid jipprova tali fatt billi *inter alia* l-partijiet jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi. Fil-fatt l-attur irnexxielu jagħmel dan u ġie stabbilit hekk kif jidher mid-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat illi l-attur huwa fil-fatt il-missier bioloġiku tal-minuri R V L;

5. Illi l-attur qed jisħaq illi '*gie awtorizzat jipprocedi b'din il-kawza permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 19 ta' Jannar 2017, digriet numru 521/16, li qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dok F*'. Dan id-dokument ma kienx anness mar-rikors ġurmantat li bih ġie ppreżentat u nnotifikat l-esponent. Għaldaqstant l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-attur irid ifornixxi lill-esponent b'kopja ta' dan id-digriet, salv pero' illi f'każ illi l-attur ma jottemporax ruħu, l-esponent jirriżerva d-dritt tiegħu illi ikun jista' jissolleva l-eċċezzjoni li l-proċeduri istanti ma jistgħux jitkomplew. Dan għaliex, l-attur ma jkunx kiseb l-awtorizzazzjoni meħtieġa minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta stante li t-terminu ta' sitt xhur mit-twelid tal-minorenni R V L skada u għaldaqstant

tali awtorizzazzjoni hija ta' importanza kbira fil-kawża odjerna sabiex l-attur ikun jista' jipprocedi bil-proċeduri istanti abbażi tal-Artikolu 77A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti jrid fl-istess waqt jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement juru li l-pussess ta' stat tal-minorenni R V L ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu;

7. Illi bla preġudizzju għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jinvita lill-istess A W. B sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri R V L, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet l-imsemmija Rakela, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet t-tifla R V L. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferitha R V L bin-numru progessiv ħamest elef, mija u tlieta u erbgħin tas-sena elfejn u ħmistax (5143/2015);

8. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi R V L a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

9. Illi subordinatament, dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem C D V L, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni ħamest elef, mija u tlieta u erbgħin tas-sena elfejn u ħmistax (5143/2015);

10. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-

esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C D V L, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi jaqbel illi l-minuri R V L ghandha tigi ddikjarata bhala l-wild naturali tar-rikorrenti A B u dan billi l-esponenti jigi ddikjarat illi m'huwiex il-missier bijologiku taghha. Dan jinghad in vista tar-rizultati tat-testijiet tad-DNA u in vista tal-fatt li l-esponenti kien fl-impossibilita fizika li jghammar mal-omm a tenur ta' Artikolu 77 ta' Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi fit-terminu moghti fl-artikolu surreferit, kienu qieghdin jghixu f'pajjizi differenti (annessi Dok A u Dok B);
2. Illi ma joggezzjonax illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jhejji korrezzjoni fl-att ta' twelid bin-numru tal-iskrizzjoni 5143 tal-minuri R V L, u dan billi jigu kkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att ta' twelid, il-konnotati kollha tal-esponenti, kif ukoll illi l-Qorti tordna kull modifika ohra in vista tal-ewwel talba u jekk mehtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;
3. Illi ma joggezzjonax ghat-tielet talba fis-sens illi l-kunjom tal-minuri ghandu jinbidel u ma ghandux jibqa' dak tal-esponenti;
4. Illi jaqbel mar-raba' talba;
5. Illi m'ghandux ibaghti l-ispejjez ta' din il-kawza stante illi hu ma ghandu ebda tort f'din ir-registrazzjoni peress illi kien id-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghamel din ir-Registrazzjoni ab bazi ta' prezunzjonijiet li johorgu mil-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent u l-konvenuti l-oħrajn jew minn minnhom.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C D V L;

Rat illi l-konvenuta N de V, minkejja li ġiet debitament notifikata, ma ppreżentat ebda risposta ġuramentata; Illi għalhekk hija kontumaċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello bħala kuraturi deputati għall-minuri R V L , li permezz tagħha huma eċċepew:

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti.

2. Għall-bqija jirrimettu ruħhom speċjalment in vista tad-DNA tests.

Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli skont il-liġi, speċjalment in vista tal-fatt li l-kuraturi mhumiex edotti mill-fatti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-Avukat Dottor Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello bħala kuraturi deputati għall-minuri R V L.

Rat l-affidavit tal-attur, id-dokumenti kollha minnu esebiti kif ukoll l-affidavits tax-xhieda minnu prodotti partikolarment ta' Dr. Marisa Cassar u ta' Paul Sultana;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

**Preliminari**

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet minnu rtirata fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2017[1];

Illi t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġiet sorvolata bid-digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju 2017[2], fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Benjamin Valenzia u lill-Prokuratur Legali Gerald Bonello bħala kuraturi deputati għall-minuri R V L;

Illi inoltre, l-attur ottempora ruħu mar-rekwiżit tal-Artikolu 77Ċ tal-Kodiċi Ċivili illi jesiġi li azzjoni bħal din odjerna ssir fi żmien sitt xhur mit-twelid tal-minuri jew fin-nuqqas, tintalab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, biex tkun intavolata l-azzjoni oltre t-trapass tas-sitt xhur. Huwa kiseb l-awtorizzazzjoni tal-Qorti permezz ta' digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta datat id-19 ta' Jannar 2017[3].

## Provi

Permezz tal-affidavit tiegħu[4], l-**attur A W B** spjega kif f'Ġunju tas-sena 2014 huwa beda relazzjoni intima mal-konvenuta N de V li kienet qaltlu li kienet iddivorzjata; Il-partijiet bdew jgħixu flimkien f'Berlin u sussegwentement hawn Malta. Iżda r-relazzjoni tagħhom bdiet tiddeġenera illi sa Diċembru 2014, l-attur kien talabha titlaq minn daru. Il-konvenuta kienet tgħaddi minn mumenti qosra ta' instabbilita` mentali kbira u fi kliemu jkollha *"tantrums, mental outbursts, screaming and violence."* F'Jannar 2015, kienet infurmatu li kienet tqila u huwa mill-ewwel ħa nteress f'din it-tqala u assistiha fil-viżti tat-tabib u wkoll fil-ħlas. Ftit wara t-twelid tat-tarbija R, l-partijiet interessati kienu ssottomettew ruħhom għat-testijiet tad-DNA sabiex tkun ikkonfermata l-paternita` tal-minuri, fejn ġie kkonfermat li hija effettivament kienet bint ix-xhud. L-attur isostni li minkejja li kien qiegħed f'komunikazzjoni mal-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni Ċivili

[1] Verbal fol. 63
[2] Fol. 101
[3] Kopja tiegħu tinsab esebita fol. 48
[4] Fol. 110

sabiex il-minuri tkun irreġistrata f'ismu, l-attriċi kienet qabdet u rreġistrata f'isem żewġha, meta x-xhud kien imsiefer minn Malta.

Rat iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri maħruġ mill-isptar Saint James[5] fejn twieldet il-minuri R, illi fid-dettalji tal-missier hemm imniżżel isem l-attur A B ta' nazzjonalita` Ġermaniza.

Rat ukoll il-korrispondenza elettronika[6] li għaddiet bejn l-attur, Mario Ellul – prinċipal fi ħdan id-Direttorat għall-Uffiċċju tal-Passaporti u tar-Reġistrazzjoni Ċivili, N de V u C D V L, fejn sija l-attur A B kif ukoll il-konvenut C D V L kkonfermaw illi l-minuri R hija bint bijoloġika tal-attur. L-omm ukoll ikkonfermat illi missier bintha R, mwielda lilha fil-31 t'Awwissu 2015, huwa A W. B u mhux żewġha l-konvenut C D V L.

Rat ukoll id-dokument[7] esebit mill-istess konvenut C D V L li jikkonsisti f'dokument bankarju illi jindika li fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri, il-konvenut kien qiegħed jiżbanka l-flus regolarment minn ġewwa Zagreb. Fil-fatt, il-konvenut jinsisti li fl-istess żmien huwa kien fl-impossibilita` fiżika li jgħammar ma' martu stante li kienu jgħixu f'pajjiżi differenti.

Rat ir-rapporti tad-DNA redatti minn **Dr. Marisa Cassar** ippreżentati fil-25 ta' Mejju 2017[8]. Dr. Cassar ikkonfermat bil-ġurament li hija ngħatat mingħand Paul Sultana il-kampjuni orali ta'  N de V I.D. 129914(A), il-minuri R M B, A Wilhelm B u C D V L. Mill-kampjuni li ttieħdu saru żewġ testijiet: l-ewwel fejn ġie kkonfermat illi C D V L mhuwiex il-missier naturali tal-minuri R M B; it-tieni fejn ġie kkonfermat illi A W B huwa l-missier naturali tal-minuri R M B;

Rat illi l-imsemmi Paul Sultana kkonferma bil-ġurament[9] illi huwa ħa l-kampjuni orali ta'  N de V I.D 129914(A), il-minuri R V L (D.O.B. 31/08/2015), A W. B I.D. 26273(A) u C D V L

---

[5] Fol. 11

[6] Fol. 12 et seq.

[7] Fol. 77 et seq.

[8] Fol. 81 et seq.

[9] Affidavit fol. 105

(Croatian I.D. 3119841). Huwa għadda l-istess kampjuni lil Dr. Marisa Cassar.

Rat in-nota[10] tal-attur ippreżentata fl-1 ta' Ġunju 2017, kif ukoll iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, minn fejn jirriżultaw is-segwenti dettalji personali li ġew mitluba mill-Konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ai fini tar-reġistrazzjoni:
Isem: A W
Kunjom: B
Dokument tal-Identita`: Karta tal-Identita` Maltija nnumerata: 26273(A)
L-eta` tiegħu meta twieldet il-minuri: 48 sena
Imwieled: Münster, il-Ġermanja
Residenti: Marsaxlokk
Isem u Kunjom missieru: K B
Hux ħaj jew mejjet meta twieldet il-minuri: Mejjet

## Konsiderazzjonijiet

Illi l-Qorti għandha quddiemha talba da parti tar-rikorrent relatata mal-paternita` ta' R V L, stante li l-attur jikkontendi li minkejja li R twieldet nhar il-31 ta' Awwissu 2015[11] u cioe' fi zmien meta l-intimati N de V u C D V L kienu għadhom legalment miżżewġin, l-istess R mhijiex bint l-imsemmi C iżda hija bintu. Proprju minħabba l-preżunzjonijiet legali naxxenti mil-liġi, partikolarment mill-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivil[12] l-istess R ġiet imniżżla bħala l-wild naturali tal-intimat C D V L, qua żewġ omm it-tarbija. Għalhekk permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrent qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex tiddikjara li l-imsemmija R m'hijiex il-bint naturali tal-konvenut V L u sabiex sussegwentement isiru l-korrezzjonijiet neċessarji fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha billi l-konnotati ta' C D V L jiġu kkanċellati minn fuq l-istess ċertifikat u jiġu sostitwiti bil-konnotati tal-attur bħala l-missier.

[10] Fol. 58
[11] Ara ċ-ċertifikat tat-twelid relattiv esebit a fol. 44 tal-proċess
[12] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat is-Subtitolu I tat-Titolu II tal-Kodiċi Ċivili, illi jirrigwarda il-filjazzjoni tal-ulied imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ, partikolarment l-Artikolu 77A, illi fuqu hija msejsa l-kawża odjerna. Dan jistipula:

> ***"77A. Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-missier naturali ta' tifel mwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-mara, ir-raġel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju miegħu u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel tagħha bħala l-missier naturali tat-tifel."***

Rat illi mill-atti jirriżulta illi l-attur A W B (K.I.26273A) huwa l-missier naturali ta' R V L imwielda lill-konvenuta N d V nhar il-31 t'Awwissu 2015, u dana kif ġie stabbilit mit-testijiet ġenetiċi ta' paternita` redatti minn Dr. Marisa Cassar[13].

Rat illi mill-assjem tal-provi rriżulta illi fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri, l-konvenuti konjuġi V L kienu fl-impossibilita` fiżika li jikkonċepixxu tarbija stante li kienu jgħixu f'żewġ pajjiżi differenti, bil-konvenuta tirrisjedi hawn Malta mal-attur, u l-konvenut jirrisjedi fil-Kroazja.

Illi fil-mertu, l-każ kollu jdur jekk ir-rikorrent irnexxilux jipprova sal-grad rikjest mil-liġi li R hija l-wild naturali tiegħu u konsegwentement jipprova li hemm lok li jiġu megħluba l-preżunzjonijiet legali emanenti fil-liġi u li għall-anqas waħda miċ-ċirkostanzi komminati f'Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, ġja ċċitat, ġiet ippruvata.

---

[13] Rapporti esebiti fol. 40 u l-affidavit tagħha jinsab ukoll esebit fol. 81

L-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern ikkonfermaw illi l-attur huwa l-missier bijoloġiku ta' R. It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jegħleb kull preżunzjoni legali relatata mal-paternita` tat-trabi mnissla fiż-żwieġ u jelimina kull dubju dwar l-istess paternita`. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem il-Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li R hija l-wild naturali tar-rikorrent u mhux tal-intimat C D V L. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' t- talbiet attriċi.

Illi rigward il-kunjom li għandha tassumi l-minuri R, l-attur jikkontendi illi l-minuri għandha tassumi l-kunjom tiegħu B. Din it-talba m'hix qed tiġi kkontestata mill-partijiet l-oħra. Il-Qorti kkunsidrat li l-minuri għadha ta' eta` tenera ta' inqas minn sentejn, u għalhekk mhux ser ikun ta' detriment għaliha li tibdel kunjomha fi stadju daqshekk bikri fil-ħajja. Illi għalhekk il-Qorti ma ssib ebda oġġezzjoni li tawtorizza lill-minuri tassumi l-kunjom ta' missierha naturali, B. Għaldaqstant, il-Qorti, bl-applikazzjoni tat-tieni proviso tal-Artikolu 77C tal-Kodiċi Ċivili, qiegħda tawtorizza lil R sal-lum magħrufa bħala V L, biex tassumi l-kunjom B.

## DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi:

1. Tiddikjara illi R M T P A magħrufa bħala R m'hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tal-konvenut C D V L; iżda hija l-wild naturali u bijoloġiku tal-attur A W B;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-minuri nnumerat ħamest'elef mija u tlieta u erbgħin tas-sena elfejn u ħmistax (5143/2015), kwalsiasi konnotazzjoni li tirreferi

għall-konvenut C D V L; Minflok, fil-kolonna bid-dettalji tal-missier, iniżżel id-dettalji tal-attur ossia:

Isem: A W
Kunjom: B
Dokument tal-Identita`: Karta tal-Identita` Maltija nnumerata: 26273(A)
L-eta` tiegħu meta twieldet il-minuri: 48 sena
Imwieled: Münster, il-Ġermanja
Residenti: Marsaxlokk
Isem u Kunjom missieru: K B
Hux ħaj jew mejjet meta twieldet il-minuri: Mejjet

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iħassar minn fuq iċ-ċertifikat tal-twelid tal-minuri nnumerat ħamest'elef mija u tlieta u erbgħin tas-sena elfejn u ħmistax (5143/2015), il-kliem "the said" mill-konnotati tal-omm;

4. Tordna illi l-minuri R sal-lum magħruf bħala V L, mill-preżenti tassumi l-kunjom B.

Bl-ispejjeż ikunu sopportati mill-attur A W B u mill-konvenuta N de V fi kwoti ndaqs bejniethom, b'dan illi l-attur għandu provviżorjament iħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.